

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta' Settembru 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-269/11) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 306 sa 310 — Skema speċjali għall-aġenti tal-ivvjaġġar — Diverġenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevdi l-applikazzjoni ta' skema speċjali għal persuni oħra barra l-vjaġġaturi — Kunċett ta' "vjaġġatur" u ta' "klijent")

(2013/C 344/08)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Lozano Palacios u M. Šimerdová, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek u J. Očková, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: E. M. Mamouna, aġent), Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: S. Centeno Huerta, aġent), Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u J.-S. Pilczer, aġenti), Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent), Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: J. Heliskoski, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 306 sa 310, tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevdi l-applikazzjoni tal-iskema partikolari ta' tassazzjoni tal-aġenziji tal-ivvjaġġar fuq it-tranżazzjonijiet magħmula minnhom favur benefiċjarji li ma humiex il-vjaġġaturi

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti mir-Repubblika Ċeka.
- (3) Ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tal-Finlandja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 232, 6.8.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta' Settembru 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-293/11) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 306 sa 310 — Skema partikolari għall-aġenziji tal-ivvjaġġar — Diverġenzi bejn verżjonijiet lingwistiċi — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevdi l-applikazzjoni tal-iskema partikolari għal persuni li ma humiex il-vjaġġaturi — Kunċetti ta' "vjaġġatur" u ta' "klijent")

(2013/C 344/09)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u C. Soulay, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: E.-M. Mamouna, aġent)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek u T. Müller kif ukoll J. Očková, aġenti), Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: S. Centeno Huerta, aġent), Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u J.-S. Pilczer, aġenti), Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: M. Szpunar u B. Majczyna, aġenti), Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: J. Heliskoski, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 306 sa 310 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevdi l-applikazzjoni tal-iskema partikolari ta' tassazzjoni tal-aġenziji tal-ivvjaġġar fuq it-tranżazzjonijiet magħmula minnhom favur benefiċjarji li ma humiex il-vjaġġaturi

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mir-Repubblika Ellenika.
- (3) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tal-Finlandja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 232, 6.8.2011.